31999R2197

16.10.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 268/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2197/1999

tal-15 ta' Ottubru 1999

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 548/89 u (KEE) Nru 812/89 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' tariffa u statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1835/1999 [2], u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

(1) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 548/89 [3], u r-Regolament (KEE) Nru 812/89 [4], jistabbilixxu miżuri dwar il-klassifikazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda ta', *inter alia*, ħwejjeġ innittjati;

(2) Billi l-ġudizzju tal-Qorti C-338/95 ta' l-20 ta' Novembru 1997 [5] ħa ħsieb il-klassifikazzjoni ta' lbiesi u lbiesi ta' bil-lejl tan-nisa;

(3) Billi, għalhekk hemm il-ħtieġa li jiġu speċifikati r-raġunijiet għall-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija taħt il-punti 1, 2 u 3 fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 548/89, u għall-prodotti msemmija taħt il-punti 1, 2 u 3 fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 812/89;

(4) Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-kolonna 3 (raġuni), it-tieni paragrafu tal-punti 1, 2 u 3 ta' l-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 548/89, u t-tieni paragrafu tal-punti 1, 2 u 3 ta' l-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 812/89 huma mibdulin bil-paragrafu li ġej:

"Il-klassifikazzjoni bħala lbiesi ta' bil-lejl tan-nisa hija esklużа, minħabba li l-oġġett imsemmi, minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, jista' jintlibes kemm fis-sodda kif ukoll x'imkien ieħor u, għalhekk, m'huwiex maħsub sabiex jintlibes esklussivament jew essenzjalment bħala lbies ta' bil-lejl."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Ottubru 1999.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 224, tal-25.8.1999, p. 5.
[3] ĠU L 60, tat-3.3.1989, p. 31.
[4] ĠU L 86, tal-31.3.1989, p. 25.
[5] Wiener S.I. GmbH v. Hauptzollamt Emmerich, 1997 ECR I-6495.